# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar 2016**

**Numru 24**

**Rikors maħluf numru 60/2014**

**Michael Vella f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' ħuh imsiefer Eucharist sive Chris Vella**

**v.**

**Salvu Vella, Rita Attard, Carmel Vella, u Av. Joseph Grech li b'dikriet tad-29 ta' Awwissu 2014 ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsefrin Fortunato Vella, Mary Borg u Joseph Vella**

1. Dan huwa appell minn dikriet interlokutorju, mogħti fit-30 ta' Jannar 2015 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, maħsub biex jirregola l-ordni tal-ġbir tax-xiehda. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi fetħu l-kawża tallum biex jitolbu s-sehem riżervat lilhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom wara li irrinunzjaw għal dak il-wirt billi dehrilhom illi dak imħolli lilhom kien anqas minn dak riżervat mil-liġi favur tagħhom. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni illi fil-kalkolu tal-assi tal-wirt ma għandhomx jidħlu legati mħollija lill-konvenuti billi dawk il-legati huma rimuneratorji, bi ħlas għal serviġi reżi minnhom lill-ġenituri, u għalhekk ma jitqisux li saru b'titolu gratuwitu iżda bi ħlas ta' dejn.

3. B'rikors tal-21 ta' Jannar 2015 quddiem l-ewwel Qorti, l-atturi talbu illi, fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, huma jingħataw fakoltà illi, wara li huma jkunu ressqu x-xiehda tagħhom dwar il-konsistenza tal-assi tal-wirt, u wara li l-konvenuti jkunu ressqu x-xiehda tagħhom dwar il-konsistenza tas-serviġi, iressqu xiehda biex jikkontestaw din ix-xiehda tal-konvenuti. Fi kliem ieħor, qegħdin jitolbu illi l-ordni tal-ġbir tax-xiehda dwar il-konsistenza tas-serviġi (u dwar hekk biss) tinqaleb, fis-sens li jibdew il-konvenuti u jagħalqu l-atturi. Il-konvenuti opponew għal din it-talba.

4. B'dikriet tat-30 ta' Jannar 2015 li minnu sar dan l-appell, l-ewwel Qorti iddeċidiet hekk:

> "Tqis illi l-kwistjoni tas-serviġi għandha importanza fuq l-eżitu tal-andament tal-kawża u t-talbiet attriċi.
>
> "Tilqa' t-talba u tordna li fl-ewwel lok jitressqu l-provi dwar is-serviġi vantati minn Saviour Vella u Rita Attard u l-eċċezzjonijiet

> kollha mqajma mill-istess li lkoll għandhom bħala bażi tagħhom il-kwestjoni tas-serviġi."

5. Il-konvenuti appellaw minn dan id-dikriet b'rikors tas-6 ta' Frar 2015 wara li ngħataw permess jagħmlu hekk kif igħid u jrid l-art. 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-aggravji huma: i. illi l-ewwel Qorti iddeċidiet *ultra petita*; ii. illi l-atturi ma jistgħux jimpunjaw il-legati mħollija mit-testaturi, kif effettivament tħallew jagħmlu bis-saħħa tad-dikriet tat-30 ta' Jannar 2015; u iii. l-konvenuti ma għandhomx ikunu mġiegħla jagħmlu prova tas-serviġi meta effettivament fit-testment hemm ammissjoni tat-testaturi li tassew irrendew dawk is-serviġi u ammissjoni wkoll dwar il-valur tagħhom.

6. Fl-ewwel aggravju l-konvenuti jgħidu illi l-ewwel Qorti "marret *oltre* mit-talba tal-atturi hekk kif kontenuta fir-rikors … … …tal-21 ta' Jannar 2015".

7. It-talba tal-atturi fir-rikors tal-21 ta' Jannar 2015 kienet illi l-Qorti:

> "… … … takkordalu[1] l-fakultà li wara li l-konvenuti jkunu eżawrew il-provi taghhom, ikun jista', jekk ikun hemm il-bżonn, li jressaq provi ulterjuri sabiex jikkontrasta dawk il-punti li jirriżultaw minn dawk il-provi li huwa jista' ma jaqbilx magħhom … … …"

8. Fil-premessi tar-rikors l-atturi kienu fissru illi huma lesti li jibdew iressqu xiehda dwar il-konsistenza tal-assi tal-wirt, u li huwa biss dwar il-konsistenza tas-serviġi li xtaqu li jkollhom il-fakoltà li

---

[1] *i.e.* takkorda lill-attur *proprio et nomine*; għalhekk it-talba saret fis-singular.

jressqu xiehda "ulterjuri" wara li jkunu ressqu x-xiehda tagħhom il-konvenuti. Fit-tweġiba għall-appell imbagħad komplew fissru illi:

> "L-esponenti diġà għamilha ċara li ma huwiex qiegħed jistenna jew jippretendi li jkun hemm inverżjoni tal-provi fis-sens li l-ewwel l-appellanti jressqu l-provi kollha tagħhom u mbagħad, wara, l-esponenti jibda jressaq il-provi tieghu, imma biss li, wara li huwa jkun eżawrixxa l-provi kollha tiegħu, jibdew iressqu l-provi tagħhom il-konvenuti appellanti, u, fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-*quantum* u l-konsistenza tas-servizzi reżi mill-konvenuti appellanti, huwa jingħata d-dritt li jressaq provi ulterjuri, jekk dan ikun meħtieġ."

9. Hemm qbil għalhekk illi d-dikriet appellat għandu jiġi preċiżat fis-sens imfisser mill-atturi fit-tweġiba tagħhom.

10. It-tieni aggravju ġie mfisser hekk mill-konvenuti:

> "… … …it-tieni aggravju tal-appellanti huwa proprju l-fatt li bid-digriet tat-30 ta' Jannar 2015 qegħdin jiġu attakkati l-legati remuneratorji mħollija lill-appellanti u dan meta mhux biss ma hemmx referenza għal tali fatt fil-premessi u fit-talbiet taċ-ċitazzjoni, iżda meta l-appellati *qua* leġittimarji lanqas għandhom *locus standi* biex jippromwovu tali talba. La darba l-appellati għażlu li jirrinunzjaw għall-wirt u jieħdu l-porzjoni riżervata huma ma jistgħux issa jattakkaw il-legati remuneratorji mħollija lill-appellanti."

11. Fil-verità, iżda, l-atturi ma humiex qegħdin jattakkaw il-legati rimuneratorji iżda qegħdin biss jistennew illi l-konvenuti jagħmlu l-prova tan-natura rimuneratorja tagħhom, b'riżerva li eventwalment jikkontestaw dik ix-xiehda b'xiehda tagħhom, jekk ikun il-każ. Jekk imbagħad ma ssirx dik il-prova, u l-legati għalhekk jitqiesu liberalitajiet u mhux ħlas ta' dejn tal-wirt, dawk il-legati jkunu soġġetti għal riduzzjoni safejn jaqbżu s-sehem li t-

testatur seta' jiddisponi minnu, kif tgħid u trid il-liġi u bħala konsegwenza naturali tat-talba għall-ħlas tas-sehem riżervat.

12. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

13. It-tielet aggravju ġie mfisser hekk:

> "… … … it-tielet aggravju tal-appellanti jikkonsisti fil-fatt li huma spiċċaw f'sitwazzjoni fejn iridu jippruvaw li huma għamlu ammont ta' serviġi ta' tali natura u fuq tali medda ta' żmien biex jimmeritaw il-legat lilhom imħolli fit-testmenti tal-ġenituri tagħhom. Jekk l-appellanti, għas-saħħa tal-argument, ifallu f'tali prova jew inkella ma jġibux provi biżżejjed li fil-fehma tal-ewwel qorti jkunu jekwiparaw għal valur tal-proprjetà mħollija lilhom allura l-ewwel qorti ser ikollha tidħol biex tagħmel eżerċizzju fejn permezz tiegħu hija taqta' barra l-parti li skond l-istess qorti hija tabilħaqq dovuta lill-appellanti fi ħlas tas-servizzi minnhom reżi u l-parti l-oħra żżidha mal-valur li fuqha għandha tiġi kalkulata l-porzjon riżervata. L-appellanti jsostnu li l-ewwel onorabbli qorti ma tistax tagħmel dan l-eżercizzju f'kawża fejn l-appellanti għandhom legat imħolli lilhom mill-istess testaturi li jirrikonoxxi proprju d-debitu li d-decujii[2] kellhom versu tagħhom."

14. Il-ħtieġa illi l-konvenuti jagħmlu l-prova tan-natura rimuneratorja tal-legati hija konsegwenza tal-prinċipju illi *reus in excipiendo fit actor*. Is-sehem riżervat tal-wirt jinħadem fuq ir-*relictum et donatum* kollu; jekk issa l-konvenuti qegħdin jgħidu illi dak imħolli lilhom ma għandux jitqies, għax huwa ħlas ta' dejn lilhom u għalhekk jiġi paċjut mal-passiv, iridu jagħmlu l-prova ta' dak li qegħdin jgħidu.

---

[2] Il-kelma "decujii" ma teżistix u ma hijiex plural ta' *de cuius*. Il-frażi "*de cuius*" biex tfisser il-mejjet li l-wirt tiegħu qiegħed jinqasam ġejja mill-frażi "*is de cuius hereditate agitur*" li fil-plural tiġi "*ei de quorum heretitatibus agitur*" u l-plural ta' *de cuius* għalhekk jiġi *de quorum* għalkemm fil-prattika din il-frażi ma tintużax. Wisq inqas iżda għandha tintuża *decujii* li hija barbariżmu.

15. U lanqas ma huwa konklużiv il-fatt illi fit-testment jingħad illi l-legat huwa rimuneratorju; li kieku d-dikjarazzjoni tat-testatur kienet determinanti u konklużiva, kien ikun faċli wisq għat-testatur illi jevadi d-disposizzjonijiet dwar is-sehem riżervat bil-fatt biss li jgħid illi l-legat huwa rimuneratorju. Naturalment, id-dikjarazzjonjiet tat-testatur huma element ta' prova, forsi wkoll qawwija, iżda mhux dejjem u bilfors huma biżżejjed. Biex ma tkunx stultifikata l-liġi huwa meħtieġ illi ssir il-prova tan-natura rimuneratorja tal-legat, u, billi l-atturi ma jistgħux jikkontestaw dik il-prova qabel ma jkunu jafu sewwasew fuq xiex hija msejsa, huwa xieraq illi l-ordni tal-ġbir tal-provi jinqaleb kif qegħdin jitolbu l-atturi.

16. L-argument imbagħad tal-konvenuti illi jekk ma jagħmlux il-prova jistgħu jiġu mċaħħda mil-legat jew minn parti minnu huwa biss staqarrija tal-posizzjoni legali u mhux argument kontra għax *adducere inconvenientem non est solvere argumentum*.

17. Il-konvenuti jagħmlu wkoll din l-osservazzjoni fir-rikors tal-appell:

> "Peress li din hija kawża fejn l-appellanti qegħdin jitolbu s-sehem riżervat mill-wirt tal-ġenituri taghhom … … … hemm żewġ stadji li għandhom jiġu kkunsidrati mill-ewwel qorti. L-ewwel stadju huwa dak fejn għandu jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni tal-porzjoni tal-leġittima dovuta lill-appellati u t-tieni stadju fejn issir il-likwidazzjoni ta' dik il-leġittima billi jiġi estrapolat dak li għandu jingħata lill-appellati in sodisfazzjon tad-dritt tagħhom. Jiġifieri, jekk is-sehem riżervat ma jiġix leż, l-ewwel qorti ma għandhiex [*recte*, ma għandha] għalfejn tidħol fuq xejn iktar. Jekk is-sehem riżervat ma ntmissx, l-appellati ma jistgħux

> jissindikaw u ma għandhom l-ebda dritt jissindikaw x'għamlu u x'ma għamlux it-testaturi bir-rimanenti ġid taghhom."

18. Tassew li hemm żewġ stadji fil-kawża: l-ewwel stadju huwa l-likwidazzjoni tal-assi ereditarju biex jinħadmu s-sehem riżervat u s-sehem disponibbli, u t-tieni stadju huwa t-tnaqqis tad-disposizzjonijiet, li jsir biss jekk jinsab illi dawn id-disposizzjonijiet jaqbżu s-sehem disponibbli. Iżda dak li qegħdin jinsew il-konvenuti hu illi biex issir il-likwidazzjoni tal-assi ereditarju jrid qabel xejn jiġi determinat x'inhu l-attiv – *relictum* u *donatum* – u x'inhu l-passiv, u illi biex jiġi determinat x'inhu tassew il-passiv trid issir il-verifika tad-djun, fosthom id-dejn għal serviġi. Din il-verifika għalhekk bilfors ikollha ssir f'dak li l-konvenuti sejħulu l-ewwel stadju.

19. Naturalment, ukoll jekk ma ssirx il-prova li għandhom jagħmlu l-konvenuti u l-legati għalhekk jitqiesu bħala liberalitajiet u mhux ħlas ta' dejn, dan ma jfissirx illi bilfors jitnaqqsu, għax xorta jista' jiġri li fil-wirt hemm attiv ieħor biżżejjed biex minnu jitħallas is-sehem riżervat, iżda dan ma jeżentax mill-ħtieġa illi ssir il-prova sabiex jista' jiġi likwidat l-assi ereditarju u jinħadem is-sehem riżervat.

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-dikriet appellat bil-preċiżazzjoni magħmulha fil-paragrafi 8 u 9 ta' din is-sentenza.

21. L-ispejjeż tal-appell iħallsuhom il-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df